**195. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Brincat** jipproponi:

**SOSTITUZZJONI TA' RAPPREŻENTANT U TA' RAPPREŻENTANT SOSTITUT TAL-PARLAMENT MALTI, FL-ASSEMBLEA KONSULTATTIVA TAL-KUNSILL TA' L-EWROPA**

Billi l-Kamra bir-Riżoluzzjoni tagħha tat-18 ta' Diċembru, 1978 innominat lill-Onor. Joseph Brincat M.P. bħala wieħed mir-rappreżentanti ta' Malta fuq il-Kunsill tal-Ewropa;

U billi bil-ħatra tiegħu ta' Ministru, l-Onor. Joseph Brincat M.P. ma jistax ikompli jaqdi dawn id-dmirijiet;

Il-Kamra għalhekk tirriżolvi li għall-iskopijiet tar-Riżoluzzjoni tat-18 ta' Diċembru, 1978, li:

L-Onor. John Buttiġieġ M.P. ikun nominat Rappreżentant ta' Malta fuq il-Kunsill tal-Ewropa minflok Rappreżentant Sostitut kif jidher fir-Riżoluzzjoni tat-18 ta' Diċembru, 1978, imsemmija aktar 'il fuq; u li l-Onor. Daniel Micallef M.P. ikun nominat Rappreżentant Sostitut fuq l-istess Kunsill ta' l-Ewropa;

u dan b'effett mill-lum stess.

**24.07.1979**